**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Mejju 2025**

**Rikors nru : 211 /2025 AGV fl-ismijiet;**

**BZ**

**v.**

**PB**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- RIKORS** ta' BZ;

Jesponi bir-rispett ILLI:

1. Il-Partijiet iżżewġu fit-tlieta (3) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn (2002) kif jirrizulta miċ-Ċertifikat taż-Żwieġ hawn anness u mmarkat Dok 'A'.

2. Il-Partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippublikat minn Nutar Dr. Sandra Valentino fis-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003), li kopja tiegħu tinsab hawn annessa u mmarkata Dok 'B', li qiegħed jiġi osservat fl-intier tiegħu.

3. Wara li l-Partijiet ikkonkludew is-separazzjoni personali tagħhom, huma kellhom tifla, DZB , li twieldet fit-tnejn (2) ta' April tas-sena elfejn u sitta (2006), li llum hija maġġorenni u ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment.

4. Ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom għal dawn l-aħħar tnejn u għoxrin (22) sena mifrudin, illum huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

5. Dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joġġħobha:-**

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ eżistenti bejn il-partijiet *ai termini* tal-artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Rat illi l-intimata iddikjarat illi ma kellha ebda oggezzjoni ghat-talba tar-rikorrenti, u dan minghajr pregudizzju ghad-drittijiet taghha ghal arretrati ta' manteniment, hekk kif iddikjarat seduta stante.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar it- 3 ta' Awwissu 2002**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**